

Motiv invokat

- Ksur tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament Nru 207/2009.
-

Rikors ippreżentat fid-19 ta' Awwissu 2016 – Kaddour vs Il-Kunsill**(Kawża T-461/16)**

(2016/C 383/26)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż***Partijiet**

Rikorrent: Khaled Kaddour (Damasku, is-Sirja) (rappreżentanti: V. Davies u V. Wilkinson, Solicitors u R. Blakeley, Barrister)

Konvenut: Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

Talbiet

Ir-rikorrent jitlob lill-Qorti Ġenerali jogħġgobha:

- tannulla d-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2016/850, tas-27 ta' Mejju 2016, li temenda d-Deċiżjoni 2013/255/PESK dwar miżuri restrittivi kontra s-Sirja, kif ukoll ir-Regolament ta' Implantazzjoni tal-Kunsill (UE) 2016/840, tas-27 ta' Mejju 2016, li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 36/2012 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fis-Sirja, sa fejn dawn għandhom rabta ma'/jew jirreferu għar-rikorrent;
- tikkundanna lill-Kunsill għall-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tiegħu, ir-rikorrent jinvoka ħames motivi.

1. L-ewwel motiv ibbażat fuq li l-miżuri kkontestati (i) jikkostitwixxu użu ħażin ta' proċedura u għalda qstant użu ħażin ta' poter; u (ii) jammontaw għal ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrent kif protetti mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u/jew mill-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, f'dak li jikkonċerna d-dritt tar-rikorrent għal amministrazzjoni tajba u d-dritt tiegħu għal rimedju effettiv u għal proċess imparzjali.
 2. It-tieni motiv ibbażat fuq ksur tal-Artikolu 66 TFUE.
 3. It-tielet motiv ibbażat fuq żball manifest ta' evalwazzjoni li jivvizzja l-miżuri kkontestati.
 4. Ir-raba' motiv ibbażat fuq li l-miżuri kkontestati jammontaw għal ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrent kif protetti mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u/jew mill-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, f'dak li jikkonċerna d-dritt tar-rikorrent għar-rispett għar-reputazzjoni tiegħu u d-dritt għall-paċifiku pussess tal-proprjetà tiegħu, u l-prinċipju ta' proporzjonalità.
 5. Il-ħames motiv ibbażat fuq il-fatt li l-miżuri kkontestati jiksru l-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni.
-

Rikors ippreżentat fid-19 ta' Awwissu 2016 – Flir Systems Trading Belgium vs Il-Kummissjoni**(Kawża T-467/16)**

(2016/C 383/27)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż***Partijiet**

Rikorrenti: Flir Systems Trading Belgium (Meer, il-Belġju) (rappreżentati minn: N. Reypens, C. Docclo u T. Verstraeten, avukat)